

Brussell, 22 ta' Ġunju 2015
(OR. en)

10184/15

COHAF 63
DEVGEN 110
ALIM 12
ONU 89
FAO 25
COAFR 198
MAMA 75
MOG 39
COEST 194
COASI 84
COLAC 73
PROCIV 33
RELEX 510

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Kunsill

fi: 22 ta' Ġunju 2015

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prinċipji Komuni għal Assistenza b'Diversi Għanijiet Ibbażata fuq Flus Kontanti b'Reazzjoni għall-Ħtiġijiet Umanitarji

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prinċipji Komuni għal Assistenza b'Diversi Għanijiet Ibbażata fuq Flus Kontanti b'Reazzjoni għall-Ħtiġijiet Umanitarji kif adottati mill-Kunsill fit-22 ta' Ġunju 2015.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IL-PRINĊIPJI KOMUNI GĦAL
ASSISTENZA B'DIVERSI GĦANIJET IBBAŻATA FUQ FLUS KONTANTI
B'REAZZJONI GĦALL-ĦTIĠIJET UMANITARJI**

1. L-intensità u d-diversità tal-kriżijiet umanitarji attwali, u l-għadd ta' persuni vulnerabbli affettwati minnhom, huma mingħajr preċedent fl-istorja reċenti. Jeħtieġ li jsiru sforzi innovattivi sabiex jiġi żgurati li l-ħtiġijiet bażiċi ta' dawk l-aktar vulnerabbli jkunu jistgħu jiġu sodisfatti.
2. Il-Kunsill jagħraf l-importanza li s-sistema attwali ta' għajnuna ssir aktar effettiva, effiċjenti u ffokata fuq in-nies. It-titjib tal-effiċjenza u l-effettività tal-għajnuna umanitarja huwa objettiv ċentrali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif enfasizzat f'għadd ta' dokumenti strateġiċi, bħall-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja¹ u l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-Ikel² u r-Reżiljenza³. Dan huwa wkoll wieħed mit-temi ċentrali fit-tnejniet għas-Summit Umanitarju Dinji li ser isir f'Istanbul f'Mejju 2016. L-użu ta' assistenza bbażata fuq flus kontanti huwa wieħed mill-approċċi l-ġodda b'potenzjal sinifikanti li ġew identifikati f'dawn id-dokumenti u d-diskussjonijiet.
3. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota li hemm ġabra ta' evidenza dejjem tikber li turi li, f'xi kuntesti, l-użu ta' assistenza bbażata fuq flus kontanti jista' jkun aktar effiċjenti u effettiv mill-għoti ta' għajnuna umanitarja in natura. Din il-bażi ta' evidenza qiegħda tkompli tikber u tiġi arrikkata. Sadanittant, bħalissa perċentwal żgħir biss ta' għajnuna umanitarja huwa bbażat fuq flus kontanti.

¹ ĠU C 25, 30.1.2008, p. 1.

² COM(2010) 126 final tal-31.3.2010 (Komunikazzjoni mill-Kummissjoni) u ST 9133/10 (Konklużjonijiet tal-Kunsill)

³ COM(2012) 586 final tal-3.10.2012 (Komunikazzjoni mill-Kummissjoni) u ST 9325/13 (Konklużjonijiet tal-Kunsill)

4. Il-Kunsill jemmen li, skont il-kuntest, hemm lok sinifikanti għal żieda fl-użu ta' assistenza b'diversi għanijiet ibbażata fuq flus kontanti fir-reazzjonijiet umanitarji. Fil-kuntesti xierqa, dan l-approċċ jiżgura "valur tal-flus" aħjar billi jnaqqas il-kostijiet tat-tranżazzjoni; jippermetti għażla ta' għajnuna akbar u aktar dinjituża għall-benefiċjarji, abbażi tal-preferenzi tagħhom; u jemanċipa gruppi vulnerabbli. Jista' jkun ta' kontribuzzjoni vitali biex in-nies affettwati jsiru l-aġenti prinċipali ta' reazzjoni. Barra minn hekk, assistenza b'diversi għanijiet ibbażata fuq flus kontanti tappoġġa s-swieq lokali, u tista' ssaħħa l-irkupru ekonomiku, il-livell ta' tħejjija u r-reżiljenza tal-komunitajiet, u tista' f'ċerti każijiet tikkomplementa sistemi ta' protezzjoni soċjali eżistenti.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi n-natura innovattiva ta' assistenza b'diversi għanijiet ibbażata fuq flus kontanti. Huwa jaġġraf il-ħtieġa li jiġi żgurat li assistenza bħal din issaħħa il-protezzjoni u tingħata b'mod sensitiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi b'kunsiderazzjoni xierqa għar-relazzjonijiet fl-unità domestika, filwaqt li tissodisfa l-oġġla standards ta' responsabbiltà tad-donatur u l-benefiċjarju. Huwa importanti li jiġi żgurat li assistenza b'diversi għanijiet ibbażata fuq flus kontanti ssir b'mod li tħares il-prinċipji umanitarji, hija xierqa għas-sitwazzjoni u tissodisfa l-aspettattivi f'termini ta' effettività u effiċjenza.
6. Il-Kunsill jinnota li approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" ma japplikax. Jekk għandhom jintlaħqu l-eżiti maħsuba, bħal nutrizzjoni aħjar, il-mezzi ta' twettiq ta' kull programm ta' għajnuna umanitarja individwali jridu jkunu orjentati lejn il-kuntest u jkunu parti minn programm imfassal tajjeb, b'reazzjonijiet b'diversi għanijiet bbażati fuq flus kontanti kkunsidrati flimkien ma' modalitajiet oħra. Bl-istess mod, il-programmi ta' assistenza b'diversi għanijiet ibbażata fuq flus kontanti jiddependu fuq suq li jiffunzjona u fuq prezzijiet stabbli. Għandu jkun hemm ukoll aċċess sigur u ugwali għas-swieq.

7. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattiva li ħadet il-Kummissjoni Ewropea meta pproponiet prinċipji komuni għal assistenza b'diversi għanijiet ibbażata fuq flus kontanti (annessi għal dawn il-konklużjonijiet), li jipprovdu qafas strateġiku għall-użu ta' assistenza bbażata fuq flus kontanti u jikkontribwixxu għal għajnuna umanitarja aktar effettiva, effiċjenti u innovattiva madwar is-setturi kollha. Il-Kunsill jikkonferma l-approvazzjoni tiegħu tal-10 prinċipji komuni.
8. Il-Kunsill jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha kif ukoll is-sħab umanitarji biex jieħdu kont tal-prinċipji fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-reazzjonijiet għall-kriżijiet umanitarji. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiżguraw li l-prinċipji jiġu difiżi fit-tnejn għas-Summit Umanitarju Dinji. Il-prinċipji jistgħu jintużaw ukoll biex iserrġu l-imħuħ tas-sħab umanitarji u l-partijiet ikkonċernati oħra li assistenza bbażata fuq flus kontanti hija, f'kuntesti xierqa, mhux biss effettiva u effiċjenti, iżda mezz biex tissodisfa l-ħtiġijiet b'mod responsabbli, filwaqt li tgħin biex tippromwovi l-irkupru u r-reżiljenza.

10 PRINĊIPJI KOMUNI GĦAL ASSISTENZA B'DIVERSI GĦANIJIET IBBAŻATA FUQ FLUS
KONTANTI B'REAZZJONI GĦALL-ĦTIĠIJET UMANITARJI

1. Ir-reazzjonijiet għal kriżijiet umanitarji għandhom ikunu effettivi u effiċjenti, jirreaġixxu għall-ħtiġijiet l-aktar urġenti tal-persuni affettwati u jirrappreżentaw l-aħjar valur għall-flus.
2. Għar-reazzjonijiet umanitarji huwa neċessarju li l-ħtiġijiet jiġu sodisfatti fil-livell ta' bosta setturi, ivvalutati fuq bażi multisettorjali u mogħtija sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet bażiċi.
3. L-għajjnuna umanitarja trid tiġi pprovduta b'mod li ssaħħaħ il-protezzjoni u tħares is-sigurtà, id-dinjità u l-preferenzi tal-benefiċjarji.
4. Għandhom jitrawmu approċċi innovattivi sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet.
5. Assistenza b'diversi għanijiet għandha titqies flimkien ma' modalitajiet ta' twettiq oħra mill-bidu nett - għandna dejjem nistaqsu l-mistoqsija "Għalfejn mhux flus kontanti?"
6. Skont in-natura u l-kuntest tal-kriżi, taħlita ta' modalitajiet ta' trasferiment u mekkaniżmi ta' twettiq tista' tkun meħtieġa u tiġi użata f'diversi stadji tal-kriżi – reazzjoni ottimali tista' tirrikjedi l-użu tagħhom flimkien.
7. Fil-bidu tal-kriżi trid titwettaq valutazzjoni dettaljata kif xieraq tal-kapaċità tas-swieq u s-servizzi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet umanitarji, li tkun integrata fil-valutazzjoni ġenerali u mmonitorjata u rieżaminata regolarment.
8. L-aġenziji involuti fir-reazzjoni għal kriżi għandhom jistabbilixxu, mill-bidu nett, struttura ċara ta' koordinazzjoni u governanza u jissimplifikaw il-proċess ta' valutazzjoni, ir-reġistrazzjoni tal-benefiċjarju, il-persuni fil-mira u l-monitoraġġ.

9. Jeħtieġ li r-rabtiet mas-sistemi ta' protezzjoni soċjali jiġu sfruttati kull meta huwa possibbli.
10. Il-kunsiderazzjonijiet ta' responsabbiltà jeħtieġu l-użu ta' indikaturi b'impatt u eżiti robusti, li għandhom ikunu limitati fin-numru u li għandhom ikunu taħlita ta' indikaturi speċifiċi għall-aġenziji u dawk usa'.

Il-loġika għal kull prinċipju tinsab fid-dokument kunċettwali "10 Prinċipji Komuni għal Assistenza b'Diversi Għanijiet Ibbażata fuq Flus Kontanti b'Reazzjoni għall-Ħtiġijiet Umanitarji". Dan huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku li ġej tal-Kummissjoni Ewropea:

http://ec.europa.eu/echo/files/policies/sectoral/concept_paper_common_top_line_principles_en.pdf

